

Brussell, 1 ta' Lulju 2022
(OR. en)

10900/22

FIN 740
INST 261
PE-L 28

NOTA PUNT "I/A"

| | |
|----------------|--|
| minn: | Kumitat tal-Baġit |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 10694/22 |
| Suġġett: | Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 15/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2022 |

1. Fit-28 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 15/2022, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju¹.

L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi trasferit ammont ta' EUR 30 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn (a/i) u approprjazzjonijiet ta' pagament (a/p) mill-Artikolu 30 04 01 (*Riżerva ta' solidarjetà u għajnuna ta' emerġenza*) għall-Artikolu 06 05 01 (*Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescEU)*), kif hemm fid-dokument 10694/22.

¹ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

2. L-għan tat-trasferiment huwa li jsahha il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM) bi EUR 30 miljun f'a/i u a/p, biex ikopri l-ħtiġijiet li qed jiżdiedu ta' assistenza lill-Ukrajna u l-pajjiżi ġirien, peress li l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna għadha għaddejja, kif ukoll biex jirreaġixxi għal diżastri oħra possibbli fl-UE u barra minnha (eż. niriien fil-foresti, uragani, eċċ.) sa tmiem is-sajf tal-2022.

Minħabba ċ-ċirkostanzi urġenti, japplika l-perjodu ta' tliet ġimgħat għall-approvazzjoni, skont l-Artikolu 31(4) tar-Regolament Finanzjarju.

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tal-1 ta' Lulju 2022.
4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kkwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - il-proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet, kif tinsab fid-dokument 10694/22;
u
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNEXS għal din in-nota.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: il-President tal-Kunsill

lil: il-President tal-Parlament Ewropew

kopja: il-President tal-Kummissjoni

Sinjura President,

F'konformità mal-Artikolu 31(4) u (6) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018¹, ninfurmak b'dan li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 15/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2022.

(Formola tal-għeluq)

¹ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).